**26 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B. Litt., LL.D.**

Nicola Ciappara

*versus*

Crocefisso Aglus pr. et. ne.

**Kompetenza — Ħanut — Lokazzjoni — Riċevuta.**

*Il-kiri ta' ħanut għal skopi kummerċjali jaqa' fl-isfera ġurisdizzjonali tal-Qorti tal-Kummerċ; u kwindi, jekk tqum kwistjoni dwar riċevuta tal-kera ta' dak il-ħanut, dik il-kwistjoni tkun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attur qiegħed jikri lil-konvenut il-ħanut li qiegħed f'Ħal-Qormi, 137 Victory Street; u billi l-konvenut irrifjuta li jirċievi l-irċevuta tal-kera, għax jippretendi li din għandha tkun fuq martu (dok. A); u billi, kif jirriżulta mill-annessi kwinterni (dok. B u C, eżibiti b'animu li jiġu ritirati), l-irċevuta relattiva dejjem saret fuq isem il-konvenut; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmi rifjut tal-konvenut huwa nġustifikat (2) u jiġi dikjarat u deċiż li l-irċevuta rilaxxjata mill-attur fuq isem il-konvenut hija korretta u konformi għal-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni proposta fl-att promotorju tal-ġudizzju tirrigwarda riċevuta tal-kera ta' ħanut, magħmula mill-attur, u li l-konvenut irrifjuta l-għaliex jippretendi li kellha ssir f'isem il-mara tiegħu; liema rifjut l-instanti jippretendi li huwa nġustifikat; u li konsegwentement talab li tiġi dikjarata li ġiet magħmula tajjeb u skond il-liġi minnu f'isem il-konvenut;

Illi għal din it-talba, avanzata mill-instanti, il-konvenut, fil-kwalità msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, ta' l-eċċez-

zjoni tal-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae", u in subordine "ratione valoris";

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn jingħad li l-att ta' riċevuta huwa konfessjoni ta' dak li persuna kreditriċi tkun irċeviet minn għand min ikun debitur tagħha; u dan huwa fatt ġuridiku elementari. Hija tisserba l-karattru tar-rapport ġuridiku nteramenti. L-effikaċja ta' att ta' riċevuta jew kwittanza, hija konnessa mal-kontenut tagħha, apparti l-konnessjoni ma' dak li l-istess, bħala att, tirrikjedi għall-forma (ara Foramiti, Enciclopedia Legali, Vol. IV vuċi Quittanza; u monografija dwar il-Kwittanza ta' Lamilotto Rossi, para. 5,; u Merlin, Repertorio, vuċi "Quittance");

Illi, premess dan li ntqal dwar in-natura tal-kwittanza jew riċevuta ("apocha"), jingħad li l-konvenut oppona l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija, waħda subordinata għall-oħra;

Illi l-ewwel eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut, fl-ordni xjentifiku u tad-dritt ritwali hija l-ewwel li għandha tiġi deċiża;

Illi għall-eżami u determinazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni huwa tajjeb li jiġi premess li l-istess hija konnessa ma' pagament ta' kera ta' lokazzjoni ta' ħanut, li huwa azjenda kummerċjali;

Ikkunsidrat;

Illi, kif huwa risaput, id-dispożizzjonijiet tal-Att XXX tal-1927 il-lum inkorporat fil-Kodiċi Kummerċjali ġie meħud mil-leġislatur tagħna mill-Proġett tal-Kodiċi Kummerċjali Taljan ta' Cesare Vivante, li in segwitu sar liġi;

Illi wara dawk l-emendi fuq imsemmija, fl-art. 5 tal-Kap. 17 ġew inklużi bħala atti soġġettivi tal-kummerċ l-ispekulazzjonijiet fuq l-immobili. Issa għandu jingħad illi l-kiri ta' ħanut għal skopi kummerċjali jaqa' fl-isfera ġurisdizzjonali tal-Qorti tal-Kummerċ. Infatti, l-istess Vivan-

te, fit-Trattat ta' Dritt Kummerċjali, jgħid:— "Sono da considerarsi come atti obbiettivi tutte le speculazioni commerciali che si fanno sopra immobili; perchè il legislatore, nell'accennare al caso più frequente della compera e della vendita, volle soltanto affermare il principio che la intenzione di speculare sugli immobili nelle forme commerciali da' carattere commerciale agli affari che si fanno sovra di essi. Quindi sono da considerarsi commerciali anche gli atti di locazione fatti cogli intenti e le proporzoni di una speculazione di un teatro, di un opificio, di una forza motrice, di una bottega. La logica non consente che questo atto iniziale e fondamentale di una azienda o di una impresa commerciale abbia un carattere e una disciplina guiridica diversi dal carattere e dalla disciplina dell'organismo di cui è parte essenziale" (Volume I, paġ. 90 u 91, para. 51, Milano, Vallardi, 1922);

Illi anki l-ġurisprudenza reċenti nostrali hija f'dan issens (ara Appell 13 ta' Frar 1953, "Giuseppe Bugeja vs. Carmelo Falzon". Vol. XXXVII-I-77; Kummerċ 30 ta' Novembru 1929, "Professur Dr. Edgardo Ganado ne. vs. Negte. Salvatore Zammit Hammet", Vol. XXVII-III-497). Huwa minnu però li qabel dawk l-emendi l-ġurisprudenza kienet differenti (ara Kummerċ 27 ta' Ottubru 1898 "Farrugia vs. Dr. Leono Ganado ne.". Vol, XVI-III-96);

Illi, stabbilit dan li ntqal fuq, jiġi affermat li, peress li r-riċevuta in kwistjoni hija konnessa ma' spekulazzjoni kummerċjali jew ma' azjenda kummerċjali, u l-kwistjoni nvoluta hija konnessa ma' dik l-istess azjenda u minnha attratta, neċessarjament l-istess għandha tkun dixxiplinata mill-Qorti Kummerċjali;

Illi, in vista ta' dan, ma hemmx lok li din Qorti tidħol fit-tieni eċċezzjoni, li tispetta lill-Qorti kompetenti;

Għalhekk, taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara, li din il-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża odjer-

na, liema kawża hija ta' kompetenza tal-Qorti Kummerċjali, u tastjeni ruħha milli tiddeċidi t-tieni eċċezzjoni subordinata, li t'ddikjara li tispetta lill-Qorti kompetenti. Blispejjeż għall-attur.